## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008 — Coats Holdings Ltd, J&P Coats Ltd vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża C-468/07 P)** ([1])

***(Appell — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura — Kompetizzjoni — Akkordji — Multa — Talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa li stabbiliet il-Qorti tal-Prim'Istanza)***

(2009/C 69/17)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* Coats Holdings Ltd, J&P Coats Ltd [rappreżentanti: W. Sibree u C. Jeffs, Solicitors]

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u K. Mojzesowicz, aġenti]

### Suġġett

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tat-12 ta' Settembru 2007 fil-kawża T-36/05, Coats Holdings Ltd u J & P Coats Ltd vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 4221 finali, tas-26 ta' Ottubru 2004, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Kawża COMP/F-1/38.338 — PO/Needles), dwar akkordji għat-tqassim tas-suq tal-prodotti tal-haberdashery u għat-tqassim tas-suq ġeografiku, u stabbiliet il-multa imposta fuq ir-rikorrenti għal EUR 20 miljun — Talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa.

### Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Coats Holdings Ltd u J&P Coats Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 297, 8.12.2007.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Novembru 2008 — Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża C-500/07 P)** ([1])

***(Appell — Rikors għal annullament — Terminu għall-preżentata tal-appell — Punt ta' tluq — Rikors sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza tagħmel dikjarazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ratione personae ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni)***

(2009/C 69/18)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

### Partijiet

*Appellanti:* Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) (rappreżentanti: E. Coffrini u F. Tesauro, avukati)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Righini u G. Conte, aġenti)

### Suġġett

Appell imressaq kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Settembru 2007, Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) vs Il-Kummissjoni (T-175/07) li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet talba sabiex jiġi kkonstatat prinċipalment li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/193/KE tal-5 ta' Ġunju 2002, dwar għajnuna mogħtija mill-Istat fil-forma ta' eżenzjonijiet fiskali u self b'kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija mill-Italja lil impriżi tas-servizz pubbliku b'kapital, fil-parti l-kbira, pubbliku (ĠU 2003, L 77, p. 21) ma tapplikax għar-rikorrenti u, sussidjarjament, li r-rikorrenti ma bbenefikatx minn għajnuna illegali u b'konsegwenza, sabiex tikseb l-annullament, sa fejn huwa neċessarju, ta' din id-deċiżjoni.

### Dispożittiv

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 37, 9.2.2008.